MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 879/1999/1

**Doris Buttigieg**

**Vs**

**Joseph u Mary Rose konjugi Caruana Smith**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-attrici kienet silfet lill-konvenuti s-somma ta' mija u tmenin liri Maltin (Lm180) sabiex dawna jaghmlu bieb tal-aluminju fil-gallarija fid-dar taghhom fl Plot 37 fi Triq il-Prinjoli f'Santa Lucija.

Premess li l-attrici kienet silfet ukoll lill-konvenuti s-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) biex inxtraw diversi kotba ghall-edukazzjoni ta’ binhom minuri, Daniel.

Premess illi l-attrici kienet rrendiet servigi lill-konvenuti, likwidabbli f’ammont ta’ aktar minn elf liri Maltin (Lm1,000), ghal diversi snin billi kienet tehdilhom hsieb l-assi taghhom inkluza d-dar konjugali matul l-assenza taghhom minn Malta. Kif ukoll kienet iddur bihom meta jkunu Malta billi tippreparalhom it-tisjir, tehdilhom hsieb hwejjighom u taqdihom f’kull bzonn.

Premess li meta msejjhin biex jaderixxu mat-talbiet u l-pretenzjonijiet taghha huma dejjem baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. tikkundanna lill-konvenuti Caruana Smith sabiex jikkonsenjaw u jittrasferixxu lill-attrici l-JCS 252;

2. Tiddikjara li l-attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta’ Lm380 f’self brevi manu w tikkundannhom jhallsuhom lura lill-attrici;

3. Tiddikjara li l-attrici rrendiet servigi lill-konvenuti u tillikwida dawk l-istess servigi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dak l-ammont hekk likwidat bhala prezz tas-servigi lilhom rezi mil-attrici

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Frar, 1999.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok l-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-eccipjenti ma ghandu jaghti xejn minn dak reklamat;

F’kull kaz it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 (e) u (f) tal-Kodici Civili;

Fil-verita’ hi proprju l-attrici li hi debitrici fil-konfront tal-eccipjenti;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Il-konvenuta Mary Rose Caruana Smith baqghet kontumaci ghalkemm notifikata (ara fol 18).

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kaz in ezami l-attrici qed titlob lura flus li hija selfet lill-konvenuti u hlas ghal servigi minnha resi lilhom tul il-perjodu meta l-konvenuti kienu qed jahdmu u jghixu l-Libja. Talbet ukoll il-konsenja ta’ karozza li allegatament xtrat minghand il-konvenuti.

L-attrici tigi oht il-mara tal-konvenut. Illum il-konvenuti qeghdin fi proceduri ta’ separazzjoni.

**Karozza**

L-attrici xehdet li kienet ghamlet deposit ta’ Lm200 fuq il-karozza Skoda tal-konvenuti izda l-konvenut la radd lura l-Lm200 u lanqas ikkonsenjalha li Skoda. Il-konvenut cahad li kien ser ibiegh il-karozza lill-attrici. Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi fuq dina t-talba, tiddeciedi li l-attrici ma rnexxiliex tipprova li kien hemm ftehim biex tinbiegh il-karozza tal-konvenuti lilha. Dwar l-ammont ta’ Lm200 li l-attrici xehdet li ghaddiet bhala deposit lill konvenut, il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ta’ 5 snin skond l-

artikolu 2156 tal Kap 16. Jirrizulta mix-xhieda ta’ l-attrici li hija kienet ghaddiet dawn il-flus fil-1993 mentri l-ittra ufficjali li baghtet u l-kawza li fethet kienu fil-1999 ghahekk oltre il hames snin.  Inoltre jigi rilevat li m’hemmx talba ghal dawn il-Lm200 fit-talbiet ta’ l-attrici.

**Self**

Fix-xhieda taghha l-attrici qed tippretendi  Lm1,500 li hija kienet sellfet lill konvenuti skond skrittura Dok a fol 28; Lm200 li kienet selfet lill konvenuti bejn Settembru u Dicembru 1998 biex dawn jixtru CDs u kotba ghat-tiefel taghhom Daniel u Lm180 oltre 1% imghax li hi kienet selfet lill mara tal-konvenut biex jaghmlu bieb tal-aluminium fil-gallerija tad-dar taghhom.

Jinkombi l-ewwel nett lill attur li jipprova b’mod adegwat l-allegazzjoni tieghu li l-konvenut huwa debitur tieghu, imbaghad biss il-piz tal-prova jisposta ruhu fuq il-konvenut.

Min jallega pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti; u fid-dubbju u fin-nuqqas ta’ ricevuta ghandha tipprevali l-prezunzjoni li d-dejn ma thallasx  (Kollez 37 p1 p 535), jekk ma jigix pruvat b’mezzi ohra (Kollez 35 p3 p 604; XLIX p 2 p 777). Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali  (App  Kum Buttigieg vs Portelli 26/1/1976; App Chetcuti vs Pearson 5/10/1998).

Fil-kaz in ezami l-attrici kkonfermat li ghandha tiehu dawn l-ammonti u ghadhom ma thallsux lura. Dan gie konfermat minn Mary Rose Caruana Smith ohta, li xehdet li zewgha kien jghidilha li flok jaghtiha lura l-flus ftit ftit, kien ser jaghtihomla kollha f’daqqa mill-investiment li kellhu barra minn Malta (ara fol  44 para 9).

Il-konvenut xehed li hu hallas kollox izda m’ghandux ricevuti billi meta tkecca mid-dar ma thallha jiehu xejn mieghu.  Meta  fil-Qorti gie mistoqsi kif u meta hallas lura, hu xehed li ma jiftakarx, u wiegeb b’dan il-mod ghal diversi domandi li sarulu. Hu ma ftakarx jekk kellux

ricevuta wahda jew diversi, meta suppost li s-self kellu jithallas lura mhux f'daqqa. Hu lanqas ftakar li mar ghand in-Nutar u ffirma skrittura (fol 38).

Illi mill-provi prodotti l-Qorti tikkonkludi li dawn l-ammonti mitluba mill-attrici ghadhom dovuti u l-konvenut ma ppruvax li hu hallashom lura.

Il-Qorti pero' tirrileva li fic-citazzjoni ma saritx talba ghar-restituzzjoni tal Lm1,500 izda biss ghall Lm180 u Lm200, u ghalhekk tista' tilqa t-talba' biss ghall dawn l-ammonti.

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni fuq dawn l-ammonti wkoll izda jidher li dina l-eccezzjoni tolqot biss il- Lm200 li kienu gew mislufa fil-1993 kif gja ntqal.  Kwantu ghall ammonti l-ohra reklamati dawn gew mislufa fil-1998 u ghalhekk mhux preskritti.

**Servigi**

L-attrici qed titlob ukoll hlas ghal servigi rezi mnnha lill konvenuti meta dawn kienu il-Libja u hija kienet tiehu hsieb id-dar taghhom li kellhom hawn Malta u li ma kienitx tkun okkupata. L-attrici pprezentat prospett Dok a fol 27 fejn qed tippretendi Lm5 fil-gimgha ghal 8 snin ghal tindif generali; Lm5 ghal sebgha darbiet ghal 8 snin ghal hasil ta' hwejjeg u Lm1.50 ghal seba' darbiet ghal 8 snin ghal tisjir.  L-attrici spjegat li hija kienet tiehu hsieb li d-dar kienet tkun nadifa il-hin kollu biex meta l-konvenuti jigu lura mill-Libja jkunu jistghu jghixu fiha. Kienet tahsel u tfarfar, tippreparalhom l-ikel, tnaddaf il-hwejjeg, isaqqi l-qsari, tghamillhom is-*shopping* u tiehu hsieb il-*transactions* bankarji taghhom. Hi xehdet li  l-konvenut kien jghidilha li ghad ihallasha talli kienet qed taghmel maghhom (fol 23). Dan ikkonfermatu l-konvenuta.

Minn naha tieghu l-konvenut xehed li  l-attrici kienet tghin lil-mara buona volonta' taghha mhux ghax kienu jitolbuha (fol 39). Hu xehed li fl-ahhar tax-xahar dejjem kienu jaghtuha Lm100 talli kienet tiehu hsieb l-affarijiet taghhom, izda ma kienitx taghtihom ricevuta. L-attrici ammettiet li

darba biss kien hallasha Lm30 ghaldaqshekk. Kienet okkazzjoni wahda.

Il-konvenut ghalhekk qed jaccetta li l-attrici kienet tiehu hsieb l-affarijiet taghhom izda dana kienet taghmlu buona volonta’ taghha. Il-konvenut ma gabx prova b’mod iehor li hu kien ihallas Lm100 fix-xahar.

Bhala punti ta' dritt ghandu jinzamm in vista dan li gej:

(1) l-azzjoni ghall-hlas tas-servigi hi bazata fuq il-kwazi-kuntratt (Kollez Vol XL11 pag. 923).
(2) Anke ghar-rigward ta’ qraba illum hu applikat il-principju li kwalunkwe serivigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw il-gratuwita' siapure minhabba relazzjonijet ta' parentela (Kollez Vol XL11 pag. 923 u App Delicata vs Saliba 22/5/89).
(3) Il-quantum dovut, spiss irid jigi bazat fuq l-"arbitrio boni viri". (Vol XL111 pag. 66).
(4). Il-preskrizzjoni applikabbili ghas-servigi hi dik kwinkwennali taht l-artikolu 2261(f) tal-Kodici Civili.

Fil-kaz in ezami l-attrici xehdet li ilha tippresta servigi minn 1984 izda l-ligi tghatiha biss ta’ l-ahhar hames snin minn meta pprezentat il-kawza cjoe minn 1994 ‘l hawn.

Ghalkemm il-konvenut xehed li l-attrici kienet taghmel dan ix-xoghol buona volonta’ taghha ma jirrizultax mill provi li hija ma kienitx qed tistenna li tigi kumpensata. Jirrizulta li hija kellha promessi li tigi kompensata.

Ghal servigi rezi l-attrici qed tippretendi Lm2,372 (ara fol 27). Il-Qorti jidhrilha li l-ammont mitlub hu esagerat apparti li hi qed titlob ghall 8 snin. Il-Qorti arbitrio buoni viri tiddeciedi li Lm1,000 jibbastaw.

Il-konvenut semma fl-eccezzjonijiet tieghu li hi proprju l-attrici li hi debitrici fil-konfront tieghu, izda hu bl-ebda mod ma ssostanza dina l-asserzjoni.

**Riepilogu**

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-attrici hija intitolata ghall Lm1m000 servigi; u l-ammonti l-ohra ta’ Lm200 u Lm180. B’Kollox Lm1,380.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-ewwel domanda;
Tiddikjara li l-attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta’ tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380) ghall self brevi manu w tikkundannhom jhallsuhom lura lill-attrici;
Tiddikjara li l-attrici rrendiet servigi lill-konvenuti u tillikwida dawk l-istess servigi fl-ammont ta’ e;f lira Maltin (Lm1,000);
Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dawn l-ammonti hekk likwidati llil-attrici.
Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------